VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 152 tal-2011**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enchanced Learning (DiTeL) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

### It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning (DiTeL) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Technology-Enhanced Learning; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

### L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Ottubru 2011 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad fl-Edukazzjoni minn din l-Università jew grad ieħor minn università oħra rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dan il-għan; jew

(b) kwalunkwe grad ieħor flimkien ma' kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim; jew

(ċ) kwalunkwe kwalifika rikonoxxuta ta' tagħlim oħra flimkien b'mill-anqas ħames snin esperjenza ta' tagħlim.

(2) L-applikanti għandhom ikollhom l-ECDL jew Teacher's Certificate in ICT rikonnoxxut qabel il-bidu tal-Kors.

(3) Preferenza tingħata lill-applikanti li jkunu qegħdin jaħdmu bħala għalliema fis-settur primarju jew sekondarju.

(4) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors, skont ir-rizorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Jekk l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jkunu mistiedna għal intervista. Il-kriterji għall-proċess tal-għażla huma:

(a) il-kwalifiki kif identifikati fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-ordinament;
(b) il-kompetenza u d-dizposizzjoni professjonali;
(ċ) l-esperjenza ta' xogħol rilevanti; u
(d) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(6) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' żewġ semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

**Il-Programm ta' Studju**

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju mgħallmali għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu.

6. Il-programm ta' studju mgħallem għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn erba' taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu il-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn żewġ taqsimiet studju mgħallma, jekk qegħdin isegwu il-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' taqsimiet studju permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, għandhom jitqiesu li weħlu mill-Kors.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

8. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

9. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.